## P6_TA(2007)0581

## Esportazzjoni tal-prodotti agrikoli li jirċievu ħlas lura jew ammonti oħra *

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-11 ta' Diċembru 2007 dwar il-proposta għal regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 386/90 dwar is-sorveljanza mwettqa fil-waqt ta' l-esportazzjoni tal-prodotti agrikoli li jirċievu ħlas lura jew ammonti oħra (COM(2007)0489 – C6-0282/2007 – 2007/0178(CNS))**

**(Proċedura ta' konsultazzjoni)**

*Il-Parlament Ewropew,*

– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Kunsill (COM(2007)0489),

– wara li kkunsidra Artikolu 37 tat-Trattat KE, skond liema artikolu ġie kkonsultat mill-Kunsill (C6-0282/2007),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 51 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A6-0478/2007),

1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni;

2. Jistieden lill-Kunsill biex jinfurmah jekk ikollu l-ħsieb li jitbiegħed mit-test approvat mill-Parlament;

3. Jitlob il-ftuħ tal-proċedura ta' konċiljazzjoni prevista fid-Dikjarazzjoni Konġunta ta' l-4 ta' Marzu, 1975, jekk il-Kunsill ikollu l-ħsieb li jitbiegħed mit-test approvat mill-Parlament;

4. Jitlob lill-Kunsill biex jerġa' jikkonsultah jekk ikollu l-ħsieb li jemenda il-proposta tal-Kummissjoni b'mod sustanzjali;

5. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.